# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 30 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 24**

**Rik. Nru. 666/14JRM**

Gaetano **CUTAJAR** u George Cutajar

vs

**DIRETTUR ĠENERALI TAD-DIPARTIMENT TAL-KUMMERĊ** u l-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat[1]

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fid-29 ta' Lulju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (1) ssib li d-deċizjoni mogħtija mill-intimat Dipartiment tal-Kummerċ fl-10 ta' Jannar 2013, kif sussegwentement ikkonfermata mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar fit-12 ta' Mejju, 2014, tikkostitwixxi teħid ta' proprjetà tal-atturi bi ksur tad-drittijiet

[1] Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

moghtija lilhom skond l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea; (2) issib li l-istess deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Kummerċ kif sussegwenetement ikkonfermata mill-Bord hija ultra vires, nulla u bla effett, skond l-artikolu 469A(a) u (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) tordna li l-atti jintraddu lura lid-Dipartiment intimat sabiex tittieħed mill-ġdid deċiżjoni dwar ir-riattivar tal-liċenzja mertu tal-kawża; (4) issib li bl-aġir tad-Dipartiment intimat, l-atturi ġarbu danni bi ksur tal-jeddijiet tagħhom kif imħarsa mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea; (5) tillikwida d-danni mġarrba; u (6) tikkundanna lill-intimati jħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2014[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin, u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-4 ta' Settembru, 2014, li biha l-imħarrka preliminarjament jgħidu li (1) l-Avukat Ġenerali mhux il-kontradittur leġittimu skond l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) it-talbiet huma vagi billi mhux ċar jekk humiex qed jindirizzaw id-deċiżjoni meħudha mid-Direttur intimat jew dik tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzji. Għaldaqstant, f'każ li t-talbiet attriċi jindirizzaw id-deċiżjoni tad-Direttur imħarrek: (a) il-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi l-proċedura li tindirizza l-ilment tal-atturi, għaldaqstant l-artikolu 469A ma japplikax abbażi ta' dak li jgħid is-sub inċiż (4) tiegħu; l-azzjoni hija perenta bit-terminu ta' sitt xhur skond l-artikolu 469A(3). F'każ li t-talbiet attriċi jindirizzaw id-deċiżjoni tal-Bord, l-artikolu 469A ma japplikax għal proċeduri kważi-ġudizzjarji u l-aġir ma jaqax taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" skond l-artikolu 469A(2); (3) L-ilmenti mressqa dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta w l-Konvenzjoni Ewropea: (a) l-artikolu 469A(1)(a) japplika biss f'każ ta' ksur tal-Kostituzzjoni iżda mhux f'każ ta' ksur ta' xi jedd fundamentali kif imħares mill-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (b) kemm il-darba dawn il-proċeduri mhumiex proċeduri istitwiti skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti m'għandiex il-ġurisdizzjoni li tqis ilmenti dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali; u (ċ) fi kwalunkwe każ, l-atturi għandhom u qed jagħmlu użu mir-rimedju effettiv mogħti taħt il-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta billi resqu appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Liċenzji quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri); (4) l-azzjoni hija ntempestiva billi d-deċiżjoni tal-Bord għada sub judice quddiem il-Qorti tal-Appelli Inferjuri; (5) l-atturi qed jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq is-subinċiż (d) tal-Artikolu 469A, liema subinċiż ma jeżistix; u (6) din il-kawża hija abbuż tal-proċess ġudizzjarju ladarba l-atturi qed jagħmlu użu

[2] Paġġ. 13 u 14 tal-proċess

mir-rimedji disponibbli għalihom taħt il-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, jiċħdu t-talbiet attriċi, u jgħidu li d-Direttur imħarrek dejjem mexa skond il-liġi. Jgħidu wkoll li l-istess Direttur ma jweġibx għal ebda xilja ta' danni ladarba huwa ma aġixxiex *b'mala fede* kif titlob l-artikolu 469A(5);

Rat id-degriet tagħha tas-19 ta' Novembru, 2014[3], li bih ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet jittrattaw dwar it-tieni, it-tielet u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-ordni tal-Qorti tal-21 ta' Jannar, 2015[4], li bih issospendiet u eżentat lill-partijiet milli jagħmlu t-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari sakemm jinqata l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Ċivili (Sede Inferjuri), rikors numru 13/14EG;

Rat in-Nota tal-5 ta' April, 2016[5], tal-imħarrka li biha ppreżentaw kopja tas-sentenza tat-23 ta' Mejju, 2016, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet "*Gaetano Cutajar et vs. Direttur Ġenerali tal-Kummerċ*";

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta' April, 2016[6], fejn l-abbli avukat tal-imħarrkin irtirat ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari mressqa minnhom fit-Tweġiba Maħlufa;

Rat ix-xhieda mressqa quddiemha;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm (traskritta) mill-avukati tal-partijiet dwar it-tieni, it-tielet u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari[7];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar it-tieni, it-tielet u s-sitt eċċezzjoni preliminari tal-imħarrka;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jilmentaw mill-mod kif '*Lodging House Licence*' (minn issa 'l hemm imsejħa "il-liċenzja"), li għal numru ta' snin kienet tinħareġ favur missierhom mill-Kummissarju tal-Pulizija, twaqqfet fl-2002 mid-Diviżjoni tal-Kummerċ – aktar tard bed jkun magħruf bħala d-Dipartiment tal-Kummerċ – (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-

[3] Paġ. 67 tal-proċess
[4] Paġ. 73 tal-proċess
[5] Paġġ. 77 sa 82 tal-proċess
[6] Paġġ. 83 sa 84 tal-proċess
[7] Paġġ. 85 sa 91 tal-proċess

Dipartiment”), u permezz ta’ deċiżjoni tal-10 ta’ Jannar, 2013, id-Dipartiment ikkonferma li ma kienx f’qagħda li jerġa’ jagħmilha fis-seħħ billi ma kellux is-setgħa li jieħu azzjoni fir-rigward ta’ tali liċenzji. Din id-deċiżjoni ġiet wkoll konfermata mill-Bord tal-Appell dwar il-Liċenzar (minn issa ’l hemm imsejjaħ “il-Bord”) permezz ta’ sentenza tat-12 ta’ Mejju, 2014. L-atturi jgħidu li huma mxew mad-direttivi li ngħatawlhom tul is-snin mid-diversi entitajiet tal-Gvern, u jtennu li d-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-10 ta’ Jannar, 2013, hija waħda arbitrarja, inġusta w abbużiva bi ksur tad-drittijiet tagħhom kif imħarsa mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni. Jitolbu li l-Qorti ssib li d-deċizjoni meħuda ma kinetx waħda tajba, tħassarha, u tibgħat l-atti lura lid-Dipartiment sabiex mill-ġdid iqis u jiddeċiedi dwar it-talba biex jerġa’ jġib il-liċenza fis-seħħ. Talbu wkoll il-likwidazzjoni tad-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba dik id-deċiżjoni;

Illi l-imħarrkin laqgħu b’għadd ta’ eċċezzjonijiet, kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Din is-sentenza ser tingħata dwar it-tieni, it-tielet u s-sitt eċċezzjonijiet tal-imħarrkin, li jitkelmu dwar jekk (a) l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħoddx għall-każ ladarba l-proċedura li tindirizza l-ilment tal-atturi hija regolata minn liġi speċjali (il-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta’ Malta[8]; (b) l-azzjoni li tattakka d-deċiżjoni tad-direttur imħarrek waqgħetx bit-terminu ta’ sitt xhur skond l-artikolu 469A(3); jekk (ċ) id-deċiżjoni tal-Bord tistax tiġi mistħarrġa minn din il-Qorti ladarba l-artikolu 469A ma jgħoddx għal deċiżjonijiet minn korpi kważi-ġudizzjarji u l-aġir tal-Bord ma jaqax taħt it-tifsira ta’ “*egħmil amministrattiv*” skond l-artikolu 469A(2); jekk (d) l-artikolu 469A jistax jindirizza l-ilmenti tal-atturi marbuta ma’ xilja ta’ ksur tal-jeddijiet tagħhom kif imħarsa mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropea; u jekk (e) il-kawża hijiex abbuż tal-proċess ġudizzjarju ladarba l-atturi qed jagħmlu użu mir-rimedji disponibbli għalihom taħt il-Kap. 441 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> jirriżulta li Carmelo Cutajar, missier l-atturi, għal numru ta’ snin kien detentur ta’ liċenzja (01/539) ta’ ‘Lodging House” bl-isem *Richmond Lodging House*, numru 16, ġewwa Xatt Lascaris, il-Belt, Valletta. Din il-liċenzja kienet tinħareġ mill-*Police Licensing Unit* u l-ħlas kien isir sena bil quddiem. Jirriżulta li l-fond kien tal-Gvern u l-kera kienet titħallas lid-Dipartiment tal-Artijiet. Carmelo Cutajar miet fl-1999, u wara sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta)[9] li biha l-atturi ġew immessi fil-pussess tal-fond li missierhom kien ħallilhom b’legat, fil-2011, il-Kummissarju tal-Artijiet għaraf lill-attur George Cutajar għal żewġ terzi (2/3)

[8] L-Att tal-2001 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ (Att XXVII tal-2001, kif emendat)
[9] P.A. 14.07.2011 fil-kawża fl-ismijiet George Cutajar et vs. Concetta Abela et (mhux appellata)

sehem indiviż tal-inkwilinat tal-fond u lill-attur l-ieħor Gaetano Cutajar għat-terz (1/3) sehem indiviż mill-istess inkwilinat[10];

Illi, sadattant, il-ħruġ tal-liċenzja għadda fis-setgħat tad-Dipartiment. Fuq talba mressqa mill-Kummissarju tal-Pulizija, il-liċenzja ġiet sospiża mid-Dipartiment[11]. Minkejja dan, il-Kunsill Lokali tal-Belt laqa' talba ta' ħlas mill-atturi w inħarġitilhom liċenzja mid-Dipartiment li tkopri sa Diċembru 2003[12];

Illi jidher li ebda entita' tal-Gvern ma laqgħet aktar ħlas marbut mal-liċenzja mingħand l-atturi wara l-2003. Ir-raġuni mogħtija kienet dovuta għat-tilwima li l-aħwa Cutajar kellhom bejniethom fil-Qorti u li nqatgħet fl-2011[13]. Jirriżulta wkoll li l-kompetenza tal-ħruġ tal-liċenzji għaddiet mingħand id-Dipartiment għal għand l-Awtorita' ta' Malta għat-Turiżmu (minn issa 'l hemm imsejjħa "l-Awtorita"), u b'ittra tal-10 ta' Jannar, 2013, id-Dipartiment għarraf lill-attur Gaetano Cutajar li ma kellux is-setgħa li jerġa' jgħajjex il-liċenzja ladarba kienet tħassret[14]. L-attur Gaetano Cutajar laqa' n-notifika tal-imsemmija ittra fit-12 ta' Jannar, 2013[15];

Illi fil-25 ta' Jannar, 2013[16], l-atturi ressqu appell mid-deċiżjoni tal-10 ta' Jannar, 2013, quddiem il-Bord, u b'sentenza tat-12 ta' Mejju, 2014[17], id-deċiżjoni tad-Direttur ġiet konfermata u l-appell ġie miċħud;

Illi fl-10 ta' Ġunju, 2014, l-atturi ressqu appell mid-deċiżjoni tal-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), minn issa 'l hemm imsejħa "il-Qorti tal-Appell";

Illi fid-29 ta' Lulju, 2014, l-attur fetħu din il-kawża;

Illi fit-23 ta' Marzu, 2016[18], il-Qorti tal-Appell sabet li s-sentenza tal-Bord kienet sostanzjalment ġusta fis-sustanza tagħha, u ċaħdet l-appell;
Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u>, il-Qorti sejra tibda bl-istħarriġ tagħha dwar jekk għandhiex tissokta tisma' din il-kawża ġaladarba, l-atturi kellhom u nqdew mir-rimedju li kien miftuħ għalihom taħt liġi oħra. Din hija s-sustanza ta' l-ewwel parti tat-tieni eċċezzjoni w ukoll, sa ċertu punt, tas-sitt eċċezzjoni preliminari mqanqala mill-imħarrkin fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom;

---

[10] Dok. "A1" f'paġ. 24 tal-proċess
[11] Ara Dok. "DG1" f'paġ. 21 tal-proċess. Ara wkoll paġġ. 25 u 26, u Dok. "A" f'paġ. 36 tal-proċess
[12] Ara paġ. 40 tal-proċess
[13] Ara affidavit ta' Gaetano Cutajar f'paġġ. 33 u 34 tal-proċess
[14] Dok. "A" f'paġġ. 7 sa 9 tal-proċess
[15] Ara affidavit ta' Brian Montebello u Dok. "DG2" u "DG3" f'paġġ. 69 sa 71 tal-proċess
[16] Dok. "G" f'paġġ. 48 sa 50 tal-proċess
[17] Dok. "B" f'paġġ. 10 sa 12 tal-proċess
[18] App (Inf) **23.3.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Gaetano Cutajar et vs. Direttur Ġenerali tad-Dipartment tal-Kummerċ***, dok. "DG5" f'paġġ. 78 sa 82 tal-proċess

Illi taħt it-tieni eċċezzjoni, l-imħarrkin jgħidu li l-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti lill-atturi rimedju ordinarju li huwa xieraq, effettiv w effikaċi, għaldaqstant din il-Qorti m'għandhiex tistħarreġ hi t-talbiet attriċi. Din l-eċċezzjoni tinbena fuq dak li jiddisponi l-artikolu 469A(4) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi taħt is-sitt eċċezzjoni, min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jgħidu li l-atturi nqdew bir-rimedju mogħti fil-liġi speċjali, imma għaliex ma ġiethomx żewġ, li jħassru d-deċiżjoni tad-Direttur li biha kellha tittieħed id-deċiżjoni mill-ġdid li tiġi riattivata l-liċenzja, qed jittantaw li jiftħu l-proċeduri mill-ġdid quddiem din il-Qorti taħt is-sura ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Jixlu għaldaqstant lill-atturi b'*forum shopping*. Fi kliemhom, dan huwa abbuż mir-regoli tal-proċedura;

Illi min-naħa l-oħra, l-atturi jgħidu li t-talbiet attriċi jindirizzaw id-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-10 ta' Jannar, 2013[19]. Jistqarru li t-talbiet attriċi huma maqsuma fi tnejn, dawk li jirrigwardaw l-istħarriġ ġudizzjarju w dawk marbuta ma' ksur tad-drittijiet kostituzzjonali. Jargumentaw li din il-Qorti għandha s-setgħa li tagħti deċiżjoni w takkorda rimedju fuq it-tnejn;

Illi l-artikolu 469A(4) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili huwa maħsub li jrażżan is-setgħa jew ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti ta' kompetenza ġenerali milli tisma' kawża mressqa quddiemha. Ladarba l-provvedimenti ta' dak l-artikolu huma eċċezzjoni jew deroga għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġà ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[20];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[21]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

---

[19] Ara trattazzjoni tal-għeluq f'paġ. 88 tal-proċess

[20] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorità tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)

[21] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***

Illi fil-każ tallum, jirriżulta li l-atturi kienu jafu li kellhom rimedju li jappellaw mid-deċiżjoni tad-Direttur, tant hu hekk li huma nqdew b'dak ir-rimedju. Fit-talba li ressqu quddiem il-Bord, huma jaċċennaw sewwasew għall-aġir tad-Dipartiment li rrifjuta li jneħħi s-sospensjoni tal-liċenza[22]. Fi kliemhom, id-Direttur ġab ruħu ħażin u li għandhom jedd li l-liċenzja tinħareġ favur tagħhom. Jirriżulta li l-atturi fetħu din il-kawża tliet ġimgħat wara li huma ressqu appell quddiem il-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Bord. Il-liġi nnifisha tagħti jedd ta' appell fuq punti ta' dritt quddiem il-Qorti tal-Appell lil xi parti li l-appell tagħha ma jkunx intlaqa' mill-Bord[23];

Illi b'dak l-appell, l-atturi ttantaw iwaqqgħu s-sentenza tal-Bord fejn sabet li d-Dipartiment kien mexa sewwa meta fl-10 ta' Jannar, 2013, irrifjuta t-talba biex tiġi rtirata s-sospensjoni tal-liċenza, kif ukoll li l-atturi naqsu li jsegwu l-proċedura mitluba mir-Regolamenti ta' dak iż-żmien biex idawru l-permess jew liċenzja għal fuqhom;

Illi bis-saħħa tas-sentenza tat-23 ta' Marzu, 2016[24], il-Qorti tal-Appell filwaqt li kkonfermat it-tieni parti tas-sentenza li biha l-atturi tilfu l-jedd għat-trasferiment tal-liċenzja fuq isimhom meta naqsu li jsegwu l-proċedura li biha kienet tagħtihom il-jedd li jippersistu għall-ħruġ tal-liċenzja, sabet li kien id-Dipartiment u mhux l-Awtorità li kellu s-setgħa joħroġ il-liċenzja għaliex kien id-Dipartiment li żmien qabel kien issospenda l-liċenzja. Minkejja dan, il-Qorti kkonkludiet li fis-sustanza, id-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta;

Illi jmiss li din il-Qorti tistħarreġ jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew, ir-rimedju ta' stħarriġ ġudizzjarju li qed jitolbu l-atturi f'din il-kawża setgħux ressquh wkoll quddiem l-imsemmi Bord jew jekk ir-rimedju li fettxew kienx wieħed li jżomm lil din il-Qorti milli tissokta tisma' l-kawża;

Illi skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord għandu s-setgħa jistħarreġ jekk (a) sarx żball materjali dwar il-fatti; (b) sarx żball materjali proċedurali; (ċ) sarx żball tal-liġi; u (d) kienx hemm xi illegalità materjali, inkluża irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità[25]. Il-Bord għandu s-setgħa li (a) jiċħad l-appell; (b) jannulla d-deċiżjoni, u (ċ) jirreferi l-kwistjoni lill-awtorità regolatorja rilevanti[26];

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-parti tal-ilment tal-atturi marbut ma' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A(1)(b) seta' jitressaq bla xkiel ta' xejn u jiġi

[22] Dok. "G" f'paġ.80 tal-proċess
[23] Art. 8 tal-Kap. 441
[24] Dok. "DG5" f'paġġ. 78 sa 82 tal-proċess
[25] Art. 6 (2) tal-Kap. 441
[26] Art. 6(4) tal-Kap. 441

mistħarreġ mill-Bord, għaliex il-Bord kellu l-kompetenza li jisma' l-istess ilment. Dan iwassal lill-Qorti biex issib li għandha tilqa' l-parti tat-tieni eċċezzjoni mmarkata fit-Tweġiba Maħlufa bħala 2(a)(i) u ssib li l-artikolu 469A ma jgħoddx għal din l-azzjoni minħabba dak li jipprovdi s-subinċiż (4) tiegħu;

Illi fir-rigward tal-parti tal-ilment li torbot ma' aġir li jista' jmur kontra l-Kostituzzjoni, jiġifieri l-artikolu 469A(1)(a), il-Qorti tqis id-dikjarazzjoni tal-abbli avukat tal-atturi fejn torbot il-kawża ma' xilja ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali[27]. Bis-saħħa ta' dik id-dikjarazzjoni, l-atturi jagħmluha ċara li huma qegħdin jillimitaw l-ilment tagħhom għal dik l-għamla ta' rimedju;

Illi llum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'Rikors Maħluf jissemma ksur tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u ssir trattazzjoni estensiva dwar il-materja tad-dritt fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares il-liġijiet kollha tal-pajjiż, b'mod partikolari dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda proċeduri li jinbdew quddiem din il-Qorti għandhom jitqiesu li huma proceduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[28]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-parti tal-ilmenti f'din il-kawża marbuta ma' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali ma messha qatt inġiebet quddiemha għaliex ma jistgħux jiġu mistħarrġa minnha fil-kuntest tal-artikolu 469A(1)(a)[29];

Illi mill-konklużjonjiiet li l-Qorti għadha kif waslet għalihom, ma tarax il-ħtieġa li tistħarreġ is-sitt eċċezzjoni, kif ukoll ma hemm ebda skop li tistħarreġ il-kumplament tat-tieni u tielet eċċezzjonijiet preliminari, għaliex b'dak li ssemma s'issa jidher ċar li l-azzjoni attriċi ma tistax tkompli titqies minn din il-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' it-tieni eċċezzjoni** preliminari mmarkata fit-Tweġiba Maħlufa bħala 2(a)(i), u ssib li l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddx għal din l-azzjoni minħabba li l-atturi kellhom rimedju ieħor f'liġi oħra

[27] Trattazzjoni tal-egħluq f'paġ. 90 tal-proċess
[28] P.A. GCD 5.03.2004 fil-kawża fl-ismijiet Ġanni Farruġia et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet
[29] Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***

għall-finijiet tas-subinċiż (4) tiegħu, dan għaliex il-mod ta' kontestazzjoni u ksib tar-rimedju dwar l-għemil li minnu jilmentaw l-atturi bid-deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2013, tipprovdi għalihom liġi oħra quddiem organu ieħor kompetenti;

**Tilqa' it-tielet eċċezzjoni** preliminari w issib li lmenti dwar jeddijiet fundamentali ma jistgħux jiġu mistħarrġa fil-kuntest tal-artikolu 469A(1)(a);

**Tastjeni** milli tqis il-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajjma mill-imħarrka fit-Tweġiba Maħlufa;

**Tiċħad** it-talbiet attriċi; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-atturi;

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**30 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**30 ta' Ġunju, 2020**